**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur.**

**Kumpilazzjoni Numru 35/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Eman Hayman)**

**Vs**

**-omissis-**

**Illum, 16 ta' Marzu 2022**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata:

> "**-omissis-**;
>
> U nakkuza lil -omissis- talli nhar is-7/01/2022 fil-hinijet ta' bejn l-22.00hrs u l-23:00hrs gewwa -omissis-:
>
> 1. Uzat vjolenza, inkluz vjolenza morali u, jew psikologika, u, jew sfurzar, sabiex igieghel jaghmel, thalli ssir, jew tonqos milli taghmel xi haga, jew sabiex tnaqqas l-abilitajiet jew tizola jew tillimita l-access ghall-flus, edukazzjoni jew impjieg ghad-detriment ta' -omissis-, u dan waqt li kienet qed tghix ma' -

omissis-, fil-prezenza ta' -omissis- u -omissis- u li twettqet vjolenza waqt it-twettiq tad-delitt.

U nakkuza lil -omissis- wkoll talli fl-istess dati, hinijiet, lokalitajiet, cirkostanzi:

2. Bil-hsieb li twegga' lil -omissis-, uriet dan il-hsieb b'atti esterni u taghat bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt b'tentattiv li jigu kagunati feriti gravi fuq persuntu, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' taghha;

3. Volontarjament ikkagunat hsara fil-gisem u, jew fis-sahha, u cioe' offizi ta' natura hfief fuq il-persuna ta' -omissis-;

4. Volontarjament hasret jew ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal inqas minn €2,500 ghad-dannu ta' -omissis-;

5. Insulentat, heddet jew ingurjat bi kliem jew bl-mod iehor lil -omissis-;

6. Ghamlet ingurji jew theddid mhux imsemmija bandohra fil-kodici kriminali lil -omissis- jew, jekk kienet ipprovokata, ingurjat b'mod li harget barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

U talli fil-lejl ta' bejn is-07/01/2022 u it-08/01/2022 gewwa l-Iskwadra ta' Kontra il-Vjolenza Domestika fil-Furjana:

7. Bil-hsieb li taghmel hsara lil -omissis-, akkuzat lil -omissis- quddiem awtorita' kompetenti bir-reati ta' stupru u fastidju

sesswali gewwa -omissis- fil-waqt li kienet taf li -omissis- kien innocenti;

Il-Qorti hija gentilment mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra -omissis- a beneficcju ta' -omissis- u -omissis- u -omissis- u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba wkoll f'kaz ta' htija, sabiex tipprovdi ghall-persuni ta' -omissis- jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil -omissis- b'obbligazzjoni taghha nnifisha taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lil -omissis- ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta."

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Semghet ix-xhieda prodotti.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 4 ta' Marzu 2022 (esebita a folio 93 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet fil-konfront tal-imputata taht dak li hemm mahsub:

a. Fl-artikolu 101(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. Fl-artikoli 17, 31, 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tas-16 ta' Marzu, 2022 l-imputata -omissis- iddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet lill-akkuzata tirregistra ammissjoni fl-istess seduta.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor**

Illi dan il-kaz jirrigwarda allegat vjolenza domestika mill-imputata lejn zewgha kif allegat fl-akkuza.

**L-Ammissjoni**

L-imputata ammettiet l-akkuzi.

Illi fuq ammissjoni, il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputata u konsegwentament issib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha.

**Il-Piena**

Illi wara li qieset ic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, wara li semghet lill-parte civile tiddikjara li trid twaqqaf il-proceduri fil-konfront tal-imputata u sahansitra talab ukoll illi titnehha l-Ordni ta' Protezzjoni a

favur -omissis-, wara li rat il-fedina penali netta tal-imputata u l-ammissjoni tal-imputata;

Tqis li piena karcerarja effettiva mhix idoneja f'dan il-kaz;

**Decide:**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti fuq amissjoni ssib lill-imputata hatja u wara li rat l-Artikoli 101(1)(a), 17, 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda tillibera lill-imputata bil-kundizzjoni li twettaqx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputata l-obbligi taghha skont din is-sentenza u x'jigri f'kaz li ma tonorax l-istess.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur